MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Numru 444/2012

**Il-Pulizija
[Spettur Bernard Charles Spiteri]**

**vs**

**Silvio Agius**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Silvio Agius, iben Joseph u Maria Dolores nee' Micallef, imwieled Birkirkara fit-18/11/1964, joqgħod 32, Palm Spring, Flat 4, Triq Francesco Ximenes, Naxxar, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 586164M talli fit-23 ta' Frar, 2012 jew fil-ġranet ta' qabel fi Triton's Court fi Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandhu fixkel lil Giovanna Pauline Agius fil-pussess ta' ħwejjiġha.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2012, li biha il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' mitt ewro (€100.00) u ordnat lill-imputat sabiex fi żmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza jirripristina l-meters tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Silvio Agius ppreżentat fil-5 ta' Ottubru, 2012 li bih talab lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata in kwantu din sabet lill-appellant ħati tal-akkużi dedotti kontrih, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi d-depożizzjonijiet tal-persuni li xehedu quddiemha, u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati tagħhom.

**5.** Il-fatti fil-qosor ta' dan il-każ huma kif ġej:

Fit-23 ta' Frar 2012 Giovanna Paolina Aġius, mart l-imputat appellant, akkompanjata minn oħtha, telgħet Għawdex sabiex tagħmel l-arranġamenti biex isir xi xogħol fil-fond fi Triton's Court fi Triq ir-Rabat, Marsalforn limiti taż-Żebbuġ, Għawdex li dak iż-żmien kien okkupat minnha. Meta daħlet fil-fond u marret biex tixgħel id-dawl sabet li ma kienx hemm elettriku. Meta niżlet isfel biex tivverifika x'setgħet kienet ir-raġuni sabet li l-meters tad-dawl tal-fond kienu tneħħew minn posthom. Mill-indaġni tal-puliżija rriżulta li l-meters tad-dawl kienu nqalgħu mill-awtoritajiet kompetenti fuq talba tal-imputat li dak iż-żmien kien fi proċeduri ta' separazzjoni minn martu. Illum l-appellant u martu jinsabu separati skont il-liġi u ma hemmx pendenzi aktar bejniethom dwar il-fond imsemmi.

**6.** L-aggravju ewlieni tal-appellant jikkonsisti sostanzjalment filli jirritjeni li l-ewwel Qorti żbaljat meta sabitu ħati tar-reat ta' *ragionfattasi* addebitat lilu għaliex l-elementi ta' dak ir-reat ma ġewx pruvati fil-konfront tiegħu. Huwa jsostni li ma ġiex pruvat l-element ta' nuqqas ta'

titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi għaliex huwa kellu titolu għall-fond *de quo* daqs kemm għandha l-parti ċivili. Iżid li anqas ġie pruvat l-element l-ieħor li jirrikjedi li l-ħati għamel li għamel bl-awtorita' tiegħu nnifsu għaliex irriżulta, skont l-appellant, li dak li ġara sar mill-awtorita' pubblika li għaliha huwa rrikorra skont il-liġi.

Ikkunsidrat,

**7.** Kif sewwa ssottolinea l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, l-elementi ormai paċifiċi tar-reat hekk msejjaħ ta' *raggion fattasi* skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jikkonsistu fi (1) att estern li jispolja lil xi ħadd ieħor minn ħaġa li jkun qiegħed igawdi, liema att ikun eżegwit kontra l-oppożizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-ħadd ieħor; (2) il-kredenza li l-att qiegħed isir b'eżerċizzju ta' dritt; (3) il-koxxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

**8.** Dwar ir-raba' element indikat, l-appellant qiegħed jikkonfondi t-titlu ta' proprjeta' mat-titolu tar-reat li għalih jirreferi dan l-element. Dak li jirrikjedi dan l-element hu li l-fatt allegat ma jkunx jinkwadra f'xi titolu ta' reat aktar gravi u ma għandu x'jaqsam xejn mat-titolu ta' proprjeta' fuq l-oġġett.li għalih jirreferi l-appellant.

**9.** In kwantu għall-element l-ieħor li dwaru jħossu aggravat l-appellant, dan jikkonsisti fil-konsapevolezza fl-aġent li dak li jagħmel ikun qiegħed jagħmlu bl-awtorita' tiegħu nnifsu minflok permezz tal-awtorita' pubblika. Dwar dan l-element din il-Qorti taqbel li ma ġiex pruvat sodisfaċentement kif trid il-liġi. Irriżulta li fiż-żmien relevanti mart l-imputat kienet qed ittella' kontijiet ta' dawl u ilma konsiderevoli fil-fond in kwistjoni li għalih l-appellant ma kellux aċċess u għalhekk kien jippretendi li l-kontijiet kellha tħallashom hi. Peress li l-meters kienu reġistrati f'ismu l-kontijiet kienu jsejħu lilu iżda meta hu ppreżenthom lil martu biex tieħu ħsieb tħallashom hija rrifjutat li tagħmel dan. Allura huwa ssuġerixxa li l-meters jinqalbu fuq isimha iżda dan irrifjutatu wkoll. Meta ra hekk

l-appellant applika għand l-awtorita' pubblika kompetenti, u ċioe' għand il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex dawn jaqilgħu il-meters in kwistjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma hix sodisfatta li ġie pruvat li l-appellant għamel li għamel bil-konsapevolezza li kien qiegħed jaġixxi bl-awtorita' tiegħu nnifsu u mhux bl-intervent tal-awtorita' pubblika; anzi, jidher li dik proprju kienet il-volonta' tal-appellant u ċioe' li jaġixxi permezz tal-awtorita' pubblika.

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell tal-appellant Silvio Agius, tħassar is-sentenza appellata tal-25 ta' Settembru 2012 u tillibera lill-istess Silvio Agius minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------